15.11.2023 A9-0319/402

**Emenda 402**
**Catherine Griset, Marco Campomenosi, Silvia Sardone**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(1a) Jenħtieġ li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt regolari, filwaqt li jitqies il-feedback li jasal mingħand id-diversi partijiet ikkonċernati fis-setturi kkonċernati, biex jiġi żgurat li l-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament ma jirriżultawx f'kostijiet addizzjonali għall-konsumaturi.*** |

Or. en

15.11.2023 A9-0319/403

**Emenda 403**
**Catherine Griset, Marco Campomenosi, Silvia Sardone**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(41a) Il-konsumaturi, b'mod partikolari fil-kuntest ta' inflazzjoni mifruxa, jenħtieġ li jiġu protetti mill-prattika tal-ħabi taż-żidiet fil-prezzijiet billi titnaqqas il-kwantità ta' prodott filwaqt li jinżamm l-istess imballaġġ u l-istess prezz tal-bejgħ ("shrinkflation"). Għal dan l-għan, in-nuqqas li l-konsumaturi jiġu infurmati b'din il-prattika b'mod ċar u viżibbli jrid jitqies bħala prattika kummerċjali qarrieqa.*** |

Or. en

15.11.2023 A9-0319/404

**Emenda 404**
**Silvia Sardone, Catherine Griset, Marco Campomenosi**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) "settur tal-HORECA" tfisser l-Attivitajiet ta' Servizzi tal-Akkomodazzjoni u tal-Ikel skont in-NACE Rev. 2 – Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi[79]; | (30) "settur tal-HORECA" tfisser l-Attivitajiet ta' Servizzi tal-Akkomodazzjoni u tal-Ikel skont in-NACE Rev. 2 – Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi ***u ma tinkludix servizzi ta' catering abbord titjira jew forom oħra ta' trasport, servizzi ta' catering esterni jew għall-ivvjaġġar, jew sptarijiet, kliniki jew djar tal-kura***; |

[79] ***NACE Rev. 2 - Statistical classification of economic activities - Products Manuals and Guidelines - Eurostat (europa.eu) ; Accommodation and food service statistics - NACE Rev. 2 - Statistics Explained (europa.eu)***

Or. en


Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/405

**Emenda 405**
**Catherine Griset, Marco Campomenosi, Silvia Sardone**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Kwalunkwe prattika li tikkonsisti fit-tnaqqis tal-piż jew tal-volum ta' prodott, filwaqt li jinżamm jew jiżdied il-prezz tiegħu, trid tintwera b'mod ċar u viżibbli fuq l-imballaġġ tal-prodott u fuq apparat ta' wiri fejn jiġi esebit. In-nuqqas li tintwera informazzjoni dwar it-tnaqqis fil-kwantitajiet offruti għal kull unità ta' prodott mibjugħ huwa meqjus bħala prattika kummerċjali qarrieqa.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 406**
**Silvia Sardone, Marco Campomenosi**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 22*** | ***imħassar*** |
| ***Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti formati tal-imballaġġ*** | |
| ***1. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fl-Anness V.*** | |
| ***2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fil-punt 3 tal-Anness V mill-1 ta' Jannar 2030.*** | |
| ***3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi mill-punt 3 tal-Anness V jekk jikkonformaw mad-definizzjoni ta' mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361 , kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u fejn ma jkunx teknikament fattibbli li ma jintużax l-imballaġġ jew li jinkiseb aċċess għall-infrastruttura li hija meħtieġa għall-funzjonament ta' sistema ta' użu mill-ġdid.*** | |
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 biex temenda l-Anness V sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku bl-objettiv li tnaqqas l-iskart mill-imballaġġ. Meta tadotta dawk l-atti*** | |

***delegati, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-potenzjal tar-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-formati speċifiċi tal-imballaġġ biex jitnaqqas l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat filwaqt li jiġi żgurat impatt ambjentali pożittiv ġenerali, u għandha tqis id-disponibbiltà tas-soluzzjonijiet alternattivi tal-imballaġġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jipprevjenu l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tal-prodott fl-imballaġġ.***

Or. en

15.11.2023 A9-0319/407

**Emenda 407**
**Silvia Sardone, Marco Campomenosi**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

15.11.2023 A9-0319/408

**Emenda 408**
**Silvia Sardone, Catherine Griset, Marco Campomenosi**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-fornituri tal-pjattaformi online, li jaqgħu ***fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima*** 4 tal-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2065, li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi għandhom ***jiksbu l-informazzjoni li ġejja mingħand il-produtturi*** li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni: | 3. Il-fornituri tal-pjattaformi online li jaqgħu ***taħt it-Taqsima*** 4 tal-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2065, li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi***,*** għandhom ***ikunu meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, sakemm ma jkunux jistgħu jagħtu prova li l-produtturi,*** li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni***, qabel ma jippermettulhom jikkonkludu bejgħ fuq il-pjattaforma tagħhom jew jużaw is-servizzi tagħhom, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti billi jiksbu***: |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 409**
**Silvia Sardone, Catherine Griset, Marco Campomenosi**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Sal-1 ta' Jannar 2029**, **l-Istati Membri għandhom*** jieħdu ***l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu stabbiliti*** sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu għal: | 1. ***Is-sistemi msemmija fl-Artikolu 43**, **il-paragrafu 1, jistgħu*** jieħdu ***l-forma ta'*** sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu ***stabbiliti*** għal: |

Or. en



Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/410

**Emenda 410**
**Catherine Griset, Marco Campomenosi, Silvia Sardone**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Anness I – subintestatura 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Kaxxi tal-injam li huma meħtieġa biex il-ġobon jinżamm, jiġi sostnut jew ippreżervat matul il-ħajja fuq l-ixkaffa tiegħu, kemm jekk huwa prodott taħt tikketti ta' kwalità u ta' oriġini kif ukoll jekk le.*** |

Or. en